KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IT-TMIEN (8) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Tlieta u Għoxrin (23)***

***It-Tlieta, 15 ta' Settembru, 2020***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 15, Vjal il-Labour, Ħal Għaxaq fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm).

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | DARREN ABELA |
| Il-VICI SINDKU | CHRISTINE DALLI |
| IL-KUNSILLIERA | ROSE AGIUS |
| IL-KUNSILLIER | ANDREAS GATT |
| IL-KUNSILLIER | KEITH FENECH |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippresjeda l-laqgħa.

**23.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

23.1.1 Ma tressqu ebda ittri ta' apoloġiji.

**23.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

23.2.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq għall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 22 li nżammet nhar it-Tlieta , 11 ta' Awwissu, 2020.

23.2.2 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 22 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

23.2.3 **Mozzjoni 23-01**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha tal-Kunsill Numru 22.

Proponent: Il-Kunsilliera Rose Agius

Sekondant: Il-Vici Sindku Christine Dalli

Il-Minuti Numru 22 ġew approvati unanimament.

**23.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 23 (08) – Settembru 2020***

23.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 23(08) biċ-ċekkijiet numru 7122 sa 7148 li tammonta €20,617.63

23.3.2 **Mozzjoni 23-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 23(08) bl-ammont ta' €20,617.63

Proponent: Il-Kunsilliera Rose Agius

Sekondant: Il-Kunsillier Andreas Gatt

L-iSkeda ta' Pagamenti Numru 23(08) ġiet approvata unanimament.

**23.4 <u>Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tar-Rapport tat-Tieni Kwart tas-Sena April-Ġunju 2020</u>**

*F'dan l-istadju tal-laqgħa attenda l-Accountant tal-Kunsill*

23.4.1 L-*accountant* tal-Kunsill taha spjegazzjoni tal-figuri li hemm fir-rapport tat-Tieni Kwart tas-Sena April – Ġunju 2020.

23.4.2 L-*accountant* tal-Kunsill informa li hemm ammont sostanzjali li l-Kunsill għandu jirċievi mingħand il-Wasteserv fuq il-borża organika.

23.4.3 Il-Kunsillier Keith Fenech ppropona li għalissa l-Kunsill m'għandux jibqa jħallas lill-Wasteserv, l-ammont tat-*tipping fees*, sabiex jinqata' mill-ammont dovut mill-Wasteserv lill-Kunsill. Dwar din il-proposta il-Kunsill qabel.

23.4.4 Wara diskussjoni dwar ir-Rapport tat-Tieni Kwart tas-sena tressqet mozzjoni sabiex jiġi approvat ir-rapport.
**Mozzjoni 23-03**: Proponent: Il-Kunsillier Keith Fenech
Sekondant: Il-Kunsilliera Rose Agius
Ir-Rapport tat-Tnieni Kwart tas-sena April-Ġunju 2020 ġie approvat unanimament.

**23.5 <u>Korrispondenza</u>**

23.5.1 Tressqet korrispondenza dwar parkeġġ li sar f'ona li skond l-ittra hija privata u tappartjeni l-proprjetarji ta' Villa Mekrech. Il-Kunsill qabel li dan il-parkeġġ ma jsirx u se jkun qiegħed iwieġeb din l-ittra is-Sindku Darren Abela.

23.5.2 Tressqet stima mingħand persuna dwar ħsara li saret bil-*bollards* li twaħħlu fi Vjal il-Labour kantuniera ma Għaxaq Bypass. Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat li l-*bollards* qegħdin fuq il-bankina, wara l-kurduna u hemm aċċess adekwat fil-wisgħa tal-bankina. Għaldaqstant, f'dan l-istadju, il-Kunsill ma qabilx li għandu jħallas id-danni li saru fil-vettura ta' din il-persuna minħabba li dawn il-bollards twaħħlu sabiex jipproteġu il-persuni li jkunu qed jużaw il-bankina.

23.5.3 Tressqet korrispondenza dwar skema għall-Proġetti Kapitali dwar Aċċessibilita u Mobilita'. Din il-materja se tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss imma il-Kunsill għandu jkun jaf jekk hemmx *capping*.

**23.6 <u>Komunikazzjonijiet mis-Sindku</u>**

23.6.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq kwotazzjoni sabiex titranġa l-funtana tal-Bypass. L-ispiża hija ta' €2045. Il-Kunsill qabel.

23.6.2 Is-Sindku Darren Abela qal li sab persuna li tista' tibgħat kwotazzjoni sabiex issir *Pillar box* fil-Pjazza.

23.6.3 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex jinxtraw tliet pots, fi sqaq fi Triq Santa Marija. Il-Kunsill approva.

23.6.4 Is-Sindku Darren Abela qal li għamel kuntatt mal-kuntrattur tal-*patching* u kkonferma miegħu li se jkompli jonora l-kuntratt. Il-Kunsill qabel Ii jagħmel *patching* li jammonta sa massimu ta’ €5000.

23.6.5 Is-Sindku Darren Abela ppropona li jsiru *cameras* fil-kantuniera fi Triq G. D’Arena minħabba li qed jarmu ħafna skart illegali. Dwar dan il-Kunsill qabel.

23.6.6 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar is-sitwazzjoni tal-immigranti li qegħdin jiġu jgħixu fid-dormitorju tal-Kappella ta’ Santu Kristu. Is-Sindku Darren Abela qal li kellu laqgħa ma resident li kienu nwetati dwar rapporti fis-*social media*, dwar possibilita’ ta’ ċentru ta’ immigrazzjoni fiż-żona iżda huwa spjega li l-post huwa privat u huwa reġistrat bħala dormitorju u se jibqa’ dormitorju. Is-Sindku Darren Abela qal li hu spjega lir-residenti li r-rappurtaġġ li kien hemm ma kienx korrett u wara diskussjoni mat-tmexxija tal-Knisja u l-entita’ konċernata ġejna nfurmati li temporanjament id-dormitorju se jintuża’ għal ftit ġimgħat minn immigranti u dawn se jitilqu fl-aħħar ta’ Settembru. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li ma jistax jidħol f’amministrazzjoni ta’ art privata iżda kellu jiġi infurmat sabiex jsiru l-arranġamenti kollha neccessarji biex ikun hemm kontroll speċjalment fuq il-ġbir ta’ skart.

**23.7 <u>*Traffic Management* fit-toroq ta’ Ħal Għaxaq</u>**

23.7.1 Tressqet fuq il-mejda tal-Kunsill, pjanta bi proposta mressqa mill-Kunsillier Andreas Gatt dwar *traffic management* fit-toroq ta’ Ħal Għaxaq.

23.7.2 Il-Vici Sindku Christine Dalli qalet li dwar Triq it-tgeżwira ma taqbilx li din tiġi ‘one way’.

23.7.3 Il-Kunsiller Keith Fenech qal Ii hu jaqbel li Triq il-Milwa tiġi ‘one way’ minħabba li t-triq ma tippermettix li jgħaddu żewġ karozzi f’direzzjoni differenti. Dwar dan il-Kunsill qabel unanimament.

23.7.4 Is-Sindku Darren Abela qal li huwa jaqbel ukoll li Triq il-Gardell tiġi ‘one way’ bħalma hemm propost fuq il-pjanta. Dwar dan il-Kunsill qabel unanimament ukoll.

23.7.5 Il-Kunsillier Keith Fenech qal li ma jaqbilx li Triq G.Demicoli għandha tiġi ‘one way’ u dan minħabba li t-triq tippermetti u hija wiesa’ biżżejjed. Il-maġġoranza tal-Kunsill qablet dwar dan.

23.7.6 Il-Kunsiller Keith Fenech ppropona li minflok Triq San Filippu tiġi ‘one way’, għandu jitneħħa l-parkeġġ li hemm man-naħa waħda tat-triq biex il-karozzi jkunu jistgħu jgħaddu. Wara diskussjoni qasira, il-Kunsill qabel li jsir hekk minflok it-triq issir ‘one way’.

23.7.7 Is-Sindku Darren Abela ppropona li minħabba li se jitnaqqsu xi *parking spaces*, dawn jistgħu jiżdiedu fi Triq il-Belt Valletta. Dwar dan il-Kunsill qabel.

23.7.8 Il-Kunsiller Andreas Gatt ppropona ukoll li titwaħħal tabella *No parking for Heavy Vehicles* fl-ewwel biċċa minn Triq Dun Gużepp Demicoli sa Triq iċ-Ċimiterju minħabba li meta jipparkjaw vetturi kbar, titnaqqas l-viżibilita' għas-sewwieqa. Dwar dan il-Kunsill approva.

23.7.9 Rigward Triq il-Ġibjun u Triq it-Telleritu, l-Kunsill ma jaqbilx li jsiru 'one way' u dan għax ħa tinħoloq iktar konfużjoni.

23.7.10 Il-proposti kollha mressqa u approvati se jintbagħtu għall-approvazzjoni tat-TM.

**23.8 <u>Mistoqsijiet u Tweġibiet tal-Kunsillieri</u>**

23.8.1 Il-Vici Sindku Christine Dalli staqsiet jekk hemmx xi informazzjoni dwar meta se jitkomplew it-toroq. Is-Sindku Darren Abela qal li għalkemm qed jikkuntattja lill-IM għad m'għandux data meta se jitkompla x-xogħol.

23.8.2 Il-Kunsillier Andreas Gatt informa lill-Kunsill li l-pagament tas-*Summer Camp* jaf jiġi iktar għoli mis-soltu minħabba li kien hemm konkorrenza ikbar.

23.8.3 Il-Kunsillier Andreas Gatt ppropona Ii jitkompla l-programm tal-*Fitness* minħabba li ntlaqa' tajjeb ħafna. Dwar dan il-Kunsill qabel.

23.8.4 Il-Kunsillier Andreas Gatt ppropona li jsir tim tan-nisa u l-Kunsill jikkontribwixxi fl-ispiża tal-*coaches*. Il-Kunsill ma qabilx li jsir dan minħabba li jista' jinħoloq preċedent.

**23.9 <u>Mozzjonijiet</u>**

23.9.1 Annessi mal-Minuti

**23.10 <u>Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss</u>**

23.10.1 Il-Laqgħa li jmiss ġiet aġġornata għat-Tlieta 13 ta' Ottubru 2020 fil-5.30pm

Il-Laqgħa ntemmet fit-8.30pm

| ________________________ | ________________________ |
|---|---|
| Fiona Cutajar | ikkonfermati |
| Segretarju Eżekuttiv | Darren Abela |
| | Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 23**

**Mozzjoni Ref:** 23-01

**Mozzjoni:**

Biex jigu approvati l-Minuti tal-Kunsill Nru. 22

**Rose Agius**
**Proponent**

**Christine Dalli**
**Sekondant**

---

**Data:** 15 ta' Settembru 2020

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 23**

**Mozzjoni:**

Biex tigi approvata l-Iskeda ta' Pagamenti Numru 23

| | |
|---|---|
| **Rose Agius**<br>**Proponent** | **Andreas Gatt**<br>**Sekondant** |

---

**Data:** 15 ta' Settembru 2020

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 23**

**Mozzjoni:**

Biex jigi approvat r-Rapport tat-Tieni Kwart tas-Sena sa Gunju 2020

**Keith Fenech**
**Proponent**

**Rose Agius**
**Sekondant**

---

**Data:** 15 ta' Settembru 2020

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**